# FUQ MIN IDUQ ILMET IN-NIL

*Ta'* Manwel Cassar

FEHMA mqarrqa oħra li ssib fina l-Maltin hija dik li nqisu l-Għarab bħala nies slavaġ u bla tagħlim. L-Għarab u t-Torok għal ħafna minna huma sinonimi **mal-barbariżmu.** Smajtha mhux l-ewwel darba l-espressjoni "Tkunx Għarbi". Tant smajtha tajjeb u fhimtha daqshekk ieħor tajjeb li nista' ngħidlek li ntqa!et għalija. Min qalhieli riedni ma nkunx stramb. Din l-idea nqisha b'ħażina. L-Għarab huma nies ċivilizzati daqs l-Ingliżi li jiftaħru biċ-ċiviltà u daqsna. Waqtiet ikolli ngħid iktar mill-Ingliżi u mill-Maltin. Imma ħalli għal din id-darba ma naqbadx il-kwistjoni l-qadima. Tagħmel iktar ġid meta tissuġġerixxi x'jmissu jsir milli meta ssib ix-xagħra fil-għaġina ta' dak li sar. Naħseb li għadek ma fhimtx x'rabta hemm bejn l-Għarab u bejn il-ktieb ditettiv ta' Ivo Muscat-Azzopardi "Min Iduq Ilmet in-Nil". Għandek raġun. Ir-rabta hi tassew ċkejkna. Iżda jiena hawnhekk miniex ser nitħaddet dwar il-ktieb ta' Ivo Muscat-Azzopardi minħabba li għadni ma qrajtux u jiena miniex minn dawk il-kritiċi li jagħtu l-fehmiet tagħhom tajbin jew ħżiena, mingħajr ma jkunu qraw ix-xogħol miktub. Dak li Ivo Muscat-Azzopardi, flimkien mal-Għarab, nixtieqhom jippermettuli hu li ninqeda b'dan l-isem li, kif jiena ċert li bosta ma jafux, huwa l-qawl Għarbi "Min jixrob majjet in-Nil ma jislahx ebedew" li għandu din it-it-tifsira Maltija: "Min jixrob ilmet in-Nil ma jistax jinfatam minnu."

Il-Għarab għandhom raġun biex ibigħu. Jiena xrobt minn ilmet in-Nil u emminni li ma nista' ninfatam minnu b'xejn — u lanqas ma nixtieq jew irrid. L-ilma tan-Nil tal-qari letterarju hu hekk ħelu, hekk itaffi l-għatx tar-ruħ, hekk ituq u jwassa' l-kultura li ma tkunx tista' tgħaddi mingħajru wara l-ewwel belgħa. Huwa, fi kliem ieħor, l-ilma tal-ħajja u l-ħajja ma jistax igħaddi mingħajrha l-bniedem għax biha jgħix minnieqa sal-qabar.

Fid-dinja kollha ma jinsab l-ebda qarrej li qara ktieb wieħed. Min irid ibellagħhieli li qara ktieb wieħed lest biex inqisu bħalma nqis lil min igħidli li l-baħar huwa ħelu jew li l-baħar ta' l-Imsida ma hux miksi b'qoxra ta' ħama (u nitolbok iżżomm f'moħħok li l-Imsida mhix pajjiż il-ħama, imma

l-baħar tad-daħla tagħha li għandu minnha) jew li fuq is-siġar jikbru l-ġwienaħ bojod tal-friefret u mhux weraq aħdar. Tassew li ,-kliem bħaċ-ċirasa, waħda tiġbed lill-oħra: hekk ukoll il-kotba. Meta taqra ktieb, ukoll jekk ħażin, ma tgħaddix mingħajr ma taqra ieħor. Hekk aħna l-bnedmin. Sewwa sew bħall-flus. Min jedha b'sold bla ma jixtieq u jfittex li jkollu sold ieħor u ieħor u ieħor?

Din s-sensiela hi ħaġa tajba. Hi itjeb meta tkun sensiela ta' ħaġa tajba. Hi ħaġa tajba l-ġibda għall-qari. Il-ġibda kbira għall-qari ma tħallilekx nifs. Aktar ma jogħġbok kap fi ktieb, aktar tkun trid taqra l-kapi ta' warajh. Kemm-il darba qrajt ktieb f'nifs? Hekk ukoll tagħmel wara ktieb interessanti. Tkun trid kotba oħra bħalu, jew aħjar minnu, u ħalli għall-ixkafef ta' moħħok kif jitgħabbew u jiżżejnu b'kull wieħed li żżid.

Din il-leblieba għall-qari tant taħdem fuq il-qarrej li sew waqt l-ikel, ġie li waqt ix-xogħol li jkun l-impjieg tiegħu, sew qabel l-irqad, sew fuq il-karrozza, kif ukoll waqt il-mistrieħ, arah dejjem b'gazzetta jew bi ktieb f'idu. Kollox għandu ħinu u għalhekk mhux kull ħin huwa xieraq għall-qari. Inti għandek tagħraf tliġġem lilek innifsek biex ma taqrax waqt ix-xogħol. L-uffiċċju jew il-ħanut tax-xogħol tiegħek qiegħed biex taħdem fih u mhux biex tgħaddi ż-żmien. Hemm ġew lanqas ma għandek il-jedd li tistagħna moħħok bit-tagħlim. Nista' ngħidlek li jiena ma niħux gazzetti miegħi fuq ix-xogħol. Dan nagħmlu mhux għal ħaġa oħra ħlief li ma nafx inliġġem lili nnifsi li ma naqrax. Kif nista' ma naqrax meta jkolli gazzetta f'idejja li fir-ras tagħha, miktub b'ittri ta' xiber li jgħajtu daqs ir-rix imlewwen ta' kappell ġdid ta' mara, nilmaħ l-aħħar aħbarijiet jiżfnu quddiem għajnejja? Imbagħad inkun irrid naf il-"Quo Vadis" jew l-"I Confess" fejn se jkunu llum għall-wirja. Inkun irrid naf il-ħin li fih il-B.B.C. se jxandar l-Antoloġija tal-poeżiji "The Singer of the Field" jew x'jismu (meta jġibu l-isem!) ir-radjudramm fis-sensiela "Radio Theatre" għal-lejla. Il-periklu li taqra waqt ix-xogħol huwa hekk kbir li jidhirli li fil-bieb imissu jkun hemm il-gwardjan li jfittixlek għall-gazzetti u l-kotba bħala ħwejjeġ ta' kuntrabandu. Huma jkunu tiegħek tabilħaqq! Iżda huma l-qfief, biex ngħid hekk, li fihom taħżen il-ħin moħli. Min jaf kemm-il ħames minuti u kwarti tista' ssorr fil-folji ta' gazzetta jew ta' ktieb! Dak hu serq.

Huwa tajjeb li taqra f'hin il-mistrieħ u fuq il-karrozza, basta ma tkunx se tieħdok għax-xogħol. Ma hemmx dehra isbaħ minn dik ta' bniedem imxaħxaħ f'pultruna b'rasu moħbija wara l-ġwienaħ jew il-persjani twal tal-paġni ta' ġurnal jew ta' ktieb, l-iktar jekk il-qarrej ikun f'xi ġnien jew fuq il-parapett ta' daru, u l-iktar l-iktar fiż-żiffa bierda li trewwaħlu u tbiegħdlu s-sħana hekk kif rajt u għert għal kemm-il wieħed f'dawk id-djar li jagħtu għal fuq Qui-Si-Sana s-sajf li għadda.

Qabel l-irqad huwa wkoll ħin tajjeb għall-qari. Imma la tagħmilx bħal dawk il-beżżiegħa tagħhom infushom li jibżgħu jbeżżgħu lilhom infushom. Il-biża' huwa wieħed mill-kuluri tal-ħajja tal-bniedem. L-emozzjonijiet huma l-kuluri ta' dan il-bniedem li, wara kollox, mhuwiex ħlief biċċa xoqqa maħduma minn bosta kuluri. Min ma jħossx l-emozzjonijiet tiegħu huwa bniedem nieqes — nieqes sew sew mill-kulur tal-ħajja. Issa l-biża', kif jgħidlek il-psikoloġista, huwa ħtieġa għal ġismek bħalma hi ħtieġa għalih l-arja u l-ħobż li jiekol. U ma hemmx ħin li fih tibża' tassew aħjar minn dak ta' meta ssib ruħek waħdek u kważi fid-dlam. Kotba li jġibu l-biżgħa, bħal dawk ta' isimhom magħhom, it-"thrillers", ma jagħmlux effett hekk kbir daqs meta taqrahom qabel l-irqad u waħdek. Forsi mhux tajjeb li wieħed jibża' qabel jorqod, għandek mnejn tgħidli, imma mbagħad dejjem tista' tikkalma lilek innifsek ma' niesek. U, fuq kollox, qatt ma għandek idderri lilek innifsek tibża' hekk bil-kbir u tieħu kollox realtà, meta dak li rrid ngħid hawnhekk hu biss ftit tat-tkexkix aktar mis-soltu. Min ma jibżax waqt il-qari tat-"thrillers" ikun qed jitfa' taħt saqajh waħda mill-friegħi interessanti tal-Letteratura. Għalhekk, jekk għadkom tiftakru l-kwistjoni, jiena ma naqbilx mal-korrispondenti li kienu kitbu biex jilmentaw mis-sensiela ta' taħditiet dwar "Temmen fl-Ispirti?" li kien xandar Ġuże' Diacono fil-programm tar-Rediffusion "Ir-Rivista tal-Familja." Il-ħin ta' fil-għaxija kien ħin tajjeb. Kieku l-korrispondenti nfushom kienu l-kittieba ta' dawk it-taħditiet żgur li ma kinux ikunu jridu li jxandruhom ħlief fil-għaxija. Inkella x'kienu jkunu jiswew? U, jekk il-korrispondenti dehrilhom li kienu żejda għax werwru lin-nies, mela, Shakespeare sata' ma kitibx il-"Macbeth", l-"Othello", il-"Hamlet" u oħrajn jew sata' ħela l-ġenju tiegħu għalih waħdu u

mhux għan-nies. Shakespeare ried ibeżża' bl-arti. Dak il-ġenju fenominali kien daqshekk ieħor ġenju fenominali tal-psikoloġija. Kien jaf, l-ewwelnett, kif għandu jbeżża', u t-tieninett li l-biżgħa jġib bosta drabi riformi fil-karattru u ma jagħmilx ħażin.

Jekk int sa tibda taqra, fittex dak li jqanqlek u dak li jagħmillek il-ġid. Int waħdek issib li ma tkunx tista' ma titqanqalx u ma tagħmilx il-ġid lilek innifsek. Aħrab dejjem il-kotba ħżiena li qegħdin għat-tqanqil biss — mingħajr it-tagħlim tajjeb.

Jekk ser idduq ilmet in-Nil tal-qari, meta l-esperjenza tgħallmek li ma tkunx tista' tinfatam minnu, fittex li ma tixrobx mill-istess naħa tax-xmara. Għandek il-qari għall-pjaċir. Għandek l-istejjer, l-essays, id-drammi, il-biografiji, l-poeżiji u l-bqija li jistgħu jkunulek ta' l-akbar pjaċir spiritwali. Għax ir-ruħ ibiha l-għatx tal-qari sew bħalma l-ġisem jaqbdu l-għatx ta' l-ima u tal-ħalib biex ma nsemmix id-drawwa ta' l-inbid li tista' ssakkar. Imma meta r-ruħ tisker bil-qari tajjeb ma tidnibx bħall-ġisem meta jisker bl-inbid tajjeb. Ħafna mill-inbid it-tajjeb għall-ġisem huwa dnub. Ħafna mill-qari tajjeb għar-ruħ huwa ġid, huwa kultura, u bniedem ta' kultura huwa bniedem li tieħu pjaċir tagħmilha miegħu, huwa l-ġieħ u ż-żina ta' art twelidu.

Tonqosx li tixrob biex titgħarraf; biex taħżen ġo moħħok il-għerf li jiswa lilek u lil għajrek, sabiex tkun taf tagħrif xjentifiku, storiku, reliġjuż u l-bqija.

Ixrob biex titgħallem tkun raġel u tagħraf tagħżel it-tajjeb mill-ħażin.

Ixrob il-baqta tal-ħsibijiet ta' l-aqwa nies li tat id-dinja matul is-sekoli. Kemm huwa fqir min jaf *biss* bl-ismijiet bla ma qara u xtarr id-drammi ta' Shakespeare; bla ma daq min-Nil tad-'Divina Commedia', bla ma bill sebgħu fil-għasel ta' l-espressjonijiet kif biss Keats kien jaf jiktibhom fil-odi; bla ma ħass is-saħħa ġgantija u l-milja mbaqbqa ta' ruħ Shelly fil-għana tiegħu; bla ma stagħġeb u tkellem mal-karattri maħluqin minn Dickens u Scott; bla ma messitu l-ebda loqma mill-għerf ta' Churchill; bla ma ħass l-intensità psikoloġika uni-

versali tar-rumanzi, in-novelli u d-drammi ta' W. Somerset Maugham li sibt nies ta' l-iskola li ma jafux li jinsab ħaj bħala kittieb.

Hafna mill-qarrejja ta' dan l-artikolu qed narahom jgħaqqdu l-poninjiet għalija talli ma semmejtilhomx l-awturi favoriti tagħhom. Din togħġobni. Turini kemm hemm x'taqra. Turini li ebda qarrej ma qara ktieb wieħed. Kull qarrej qara iktar minn ktieb wieħed. Kull qarrej igħildek li min daq ilmet in-Nil ma setax jinfatam minnu. Issa, ladarba biex tibqa' tixrob mill-ilma tan-Nil jinħtieġlek li l-ewwel tieħu l-ewwel dewqa, għax ma tibdiex taqra l-ewwel ktieb li jiġi f'idejk? Tgħidli li dan hu kliem żejjed. Inti ilek taqra u ma hemm l-ebda kittieb ġdid għalik. Jista' jkun, għad li sakemm tgħidli hekk forsi ma ndunajtx li faqqsu ħamsin elf kittieb ieħor għax il-kittieba ma jaqtgħu qatt bħar-ramel ta' ma' ġnub in-Nil. Nagħmillek mistoqsija? Insejtha l-Letteratura Maltija? La tgħaġġilx tgħidli li hi fqira. L-ewwel duqha. Nissuġġerilek taqra, bħala bidu, l-ktieb li jġib isem l-artikolu tiegħi. Hekk ser nagħmel jien.